# INĦOBBOK *

*Dawn il-versi m'humiex iddedikati lil dawk iż-żgħażagħ li fl-imħabba ma jifhmux ħlief il-pjaċir tas-sensi.*

Staqsejtek jekk tħobbnix: xejn ma weġibtni:
biss ġewwa ħbub għajnejk minn lewn is-sema
rajt bħal xrara tan-nar tixgħel u taħrab.
Ma fhimtx, u bqajt nistenna
jekk ewwilla tiġix xi siegħa ħelwa
li tagħtini t-tweġiba.

*

Darba ġô ħsiebi
ħassejt bħal sejf tan-nar ix-xewqa tiegħek.
Ġrejt għandek, sibtek,
u bħal tallab li jitlob ħajtu f'loqma,
tlabtek xhieda ta' mħabbtek.
Ħelwa u ratba
għaddiet idek fuq idi, iżda minn fommok
ma ħarġetx kelma,
u jekk tbissima deħret
tilgħab fuq wiċċek
ma stajtx nifhem xi tfisser. B'qalbi mħabbla
ġô xibka ta' tqanqil aħrax, qabbieżi,
jiena rġajt lura sieket,
iżda fi ħsiebi ma ħqartekx, u ġwejjed
bqajt darb'oħra nistenna
jekk ewwilla żżernaqx l-għodwa tal-hena.

*

Kien wara nofs in-nhar, żmien il-ħarifa.
Is-sema kien imgħajjeb
u fewġa kiesħa kiesħa
rajtha tisraq mis-siġar

---

* Din il-poeżija nqrat ħafna snin ilu lill-imseħbin ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, f'laqgħa li kellhom il-Belt, fl-Università.

l-aħħar werqiet sofor u morda. Jiena
kelli bħal mewt ġô qalbi,
id-dinja dak in-nhar kienet ħaqritni,
xrobt morr bla qjies
u ħadd ma kellu ħniena,
anqas mogħdrija.
Bla ma kont naf x'qed nagħmel,
qbadt it-triq li wasslitni wara biebek,
u dħalt.
Biex ma nidrobx lil qalbek
rażżant lil qalbi,
u bosta drabi d-dmugħ li kien sa jaqbeż
minn xfar għajnejja
reġġajtu lura u fuq xofftejja bojod
sawwart daħka ħafifa
biex nostorlok il-mewt li kelli f'qalbi....
Inti ma kellimtnix imma: ġo ħarsti
tfajt il-ħarsa t'għajnejk, u jien ħassejtha
dieħla taħraq ġô sidri.
Taħt il-libsa rżina
rajt lil sidrek mostur jofrogħ u jimla
bħal ma jagħmel il-baħar,
imbagħ'd fuq spallti
ħassejt ir-rtuba ta' dirgħajk,
fuq ġbini,
ħassejt il-ħewwa ta' xofftejk, u daqqet
kelma f'widnejja li stordietni: NĦOBBOK.

DUN KARM.

## TIFSIR

1. Is-Suġġett tal-Għanja—Żagħżugħ ta' natural tajjeb, iżda ta' fehmiet ftit u xejn imxattra, jitgħallem mill-imġiba għaqlija u meqjusa ta' xebba rżina, mrobbija tajjeb f'dar ommha, li mhux il-pjaċir ħeragħ, anqas il-passjoni għamja ma għandha tkun is-sies ta' l-imħabba bejn raġel u mara, iżda biss il-fehma shiħa illi, niket u ferħ, tkun waħda x-xorti tat-tnejn fin-nisġa mżewqa tal-ħajja,

2. Il-Psikoloġija tal-Għanja—Fl-ewwel stanza, iż-żagħżugħ jistaqsi lix-xebba—li għandna naħsbu li kien inġibed lejha—*jekk tħobbux*.

Din il-mistoqsija ħergħa kemm tista' tkun: għaliex fl-imħabba bħal fi ħwejjeġ oħra, il-għamil igħodd u mhux il-kliem. Min irid jaf tassew jekk hux maħbub, għandu jgħarrex u josserva l-għamil u l-imġiba ta' l-ieħor u minnhom —minnhom biss—ikun jaf jekk hux m ħbub inkella le. Għalhekk, għal din il-mistoqsija iż-żagħżugħ twajjeb, iżda li ta' l-imħabba għadu ma fehemx ħlief il-pjaċir ta' kelma ħelwa u ta' xi żegħila, ma jieħu ebda tweġiba, ħlief ħarsa ħafifa bħal berqa li tfisser hekk: ma għalaqtlekx qalbi, iżda iftaħ għajnejk, għax tiġini bi frugħat bħal dawn, tista' tingħalaq.

—Fit-tieni stanza tidħol il-passjoni. Il-passjoni bħan-nar; tista' tiswielek, jekk iżżommha mrażżna, u tinqeda biha biss fejn hu meħtieġ; u tista' tarmik u teqirdek, jekk terħilha l-lġiem.

Meta għat-tieni darba, iż-żagħżugħ mixgħul bix-xewqa tagħha, jitlobha xhieda ta' mħabbitha kif tallab jitlob ħajtu f'loqma, ix-xebba għaqlija tintebah illi hemm fih qawwa moħbija li tista' tisfa f'imħabba kbira, tajba, sabiħa, iżda tintebah ukoll illi l-qalb taż-żagħżugħ ma hix imwieżna mir-raġuni u li dik il-qawwa tista' taħraq u mbagħad tisfa' fix-xejn bħan-nar tat-tiben, jew tal-porvli. Għalhekk, biex turih li hi tifhem u tapprezza x-xewqa kbira li hu għandu ta' mħabbitha, u f'ħin wieħed tagħtih xi tama li hu għadu jista' jirbaħha tgħaddi ħelu ħelu, idha fuq idu; iżda kliem xejn, għax għad ma għandhiex biżżejjed fuqhiex torbot, u ma tridx tagħti l-kelma tagħha—kelma sollenni daqs il-ħajja—għal ħaġa li għad ma tafx fis-sħiħ jekk tistax, bla ma titgħajjeb, twegħdhielu.

Iż-żagħżugħ li beda jħoss il-passjoni ta' l-imħabba, iżda għad ma fehemx is-siwi spiritwali tagħha, anqas għadu ma fehem illi mhux il-pjaċir, iżda s-sakrifiċċju huwa s-sies ta' l-imħabba, ma fehemx biżżejjed la ż-żegħila anqas it-tbissima tax-xebba li hu kien jixtieq b'saħħa ta' passjoni. Fehem li hi tagħtu xi ħaġa, iżda mhux daqskemm hu kien jixtieq u kien jistenna: għalhekk qalbu tħabblet f'xibka ta' biża' u ta' tama, ta' qilla u ta' sabar; imma, billi minnu twajjeb u mxejjer għall-paċi, ma għaddilu minn moħħu ebda ħsieb aħrax ta' nkejja, ta' moħqrija, ta' dnewwa; u, ġwejjed, baqa' jitma li fl-aħħar tasal it-tweġiba għall-mistoqsija tiegħu: "Jekk dik ix-xebba kinetx tħobbu".

—Fit-tielet stanza ħok il-pjaċir u l-passjoni jidħol in-niket; u n-niket hu qawwa li traqqad il-passjonijiet ħergħa

u tqajjem passjonijiet aktar safja, aktar fejjieda, aktar qaddisa.

Iż-żagħżugħ f'lejla ta' Ottubru, meta n-natura donnha tibki madwarna, isib ruħu mdejjaq u maħqur bla ma jista' jsib faraġ imkien :—aktarx kienet ġiet fuqu xi waħda minn dawk it-taqlibiet li xi drabi jiġu għalgħarrieda fil-ħajja ta' kull wieħed minna. Ma jafx jekk fix-xejra tal-qalb jew bix-xogħol tal-ħsieb, iħoss illi minn dak in-niket tiegħu ħadd ma jista' jkollu ħniena u mogħdrija ħlief qalb li tħobbu. Għalhekk il-ħsieb u l-qalb tefgħuh fejn kellu xi tama li jsib ftit ta' l-imħabba, u fl-imħabba, ħniena u mogħdrija.

Hekk daħlet fih il-fehma t-tajba ta' l-imħabba: il-għaqda fis-sakrifiċċju. Xejn iżjed kliem fieragħ ta' mistoqsijiet boloħ; xejn iżjed xewqat ta' tpaxxija tas-sensi! biss sakrifiċċju sieket, xewqa waħda biss li la bi kliemu u anqas b'għamilu ma jwaġġa' l-qalb tax-xebba li issa qed iħoss li jħobbha tassew.

Ix-xebba issa fehmet li ż-żagħżugħ, taħt il-ħakma għaqlija tagħha, kien għadda mit-tliet targiet ta' l-imħabba: il-frugħa ta' min iħobb bla ma jitgħabba bil-ħsieb ta' xi tfisser l-imħabba; il-passjoni ta' min iħoss il-pjaċir, ngħidulu hekk barrani ta' l-imħabba, bla ma jaħseb fil-hemm li bosta drabi jissieħeb magħha; il-fehma sħiħa ta' min iħobb biex iħenni lil ħaddieħor, imqar b'sakrifiċċju kbir tiegħu, u hu jithenna bil-hena tal-maħbub li jagħraf imħabbtu, u hekk tkun waħda l-ħajja tat-tnejn fin-niket u fil-ferħ, fis-saħħa u fil-mard sal-mewt u wara.